Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Roberto Debrincat

Vs

Robert Bugeja

CCT 209/25/CC

Illum 9 ta' Novembru, 2026

It-Tribunal;

Ra t-Talba ta' l-attur ippreżentata fil-15 ta' Dicembru 2025, fejn talab rifuzjoni ta' ħlas ta' l-ammont ta' €360 (tlett mija u sittin ewro), rappreżentanti somma imħallsa minnu lil intimat rigwardanti servizz ta' tahrig ghal kelb.

Ra li l-intimat Robert Bugeja notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma pprezenta l-ebda risposta, u ghalhekk jinsab fi stat ta' kontumacja.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lil attur jixhed bil-gurament fis-seduta skedata ghal provi tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tal-provi dokumentarji ta' l-attur ippreżentati fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Sema' s-sottomisjonijiet orali tal-partijiet.

Ikkunsidra;

Illi jirrizulta li l-attur xtara pakkett ta' ghaxar sessjonijiet ta' siegha l-wahda ta' tahrig ghal kelb minghand l-intimat, ghal prezz ta' €360 (tlett mija u sittin ewro). Gara li l-attur sa mill-bidu tas-sessjonijiet ressaq diversi ilmenti tieghu ma' l-intimat, u osserva li huwa ma kienx qieghed jinghata s-servizz li kien hallas ghalih minghand l-intimat.

Illi jirrizulta li l-attur avvanza l-ilmenti tieghu lil intimat bil-miktub, u l-intimat ma jirrizultax li wiegeb ghal tali lmenti. Jirrizulta wkoll li l-attur ta cans lil intimat sabiex iwiegbu izda l-intimat baqa' inadempjenti.

Illi t-Tribunal jinnota li l-attur originarjament talab l-ammont ta' €120 (mija u ghoxrin ewro) minghand l-intimat, izda tul dawn il-proceduri huwa spjega li galadarba ma kienx hemm ko-operazzjoni da parti ta' l-intimat, huwa kien qieghed jitlob ir-rifuzjoni shiha ta' l-ammont imhallas minnu, u cioe, €360 (tlett mija u sittin ewro).

Fic-cirkostanzi tal-kaz, min evalwazzjoni dettaljata tal-provi prodotti fid-dawl ta' l-istat ta' kontumacja ta' l-intimat, t-Tribunal jirrimarka li l-attur ta cans sabiex jigi milhuq ftehim bonarju izda dan ma sehhx. In vista ta' l-inadempjenza totali da parti ta' l-intimat, hija l-fehma tat-Tribunal li t-talba avvanzata mill-attur hija gusta u timmerita konferma.

Illi in vista tal-premess, u tenut kont tal-provi dokumentarji pprezentati fl-atti ta' dawn il-proceduri, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba kif avvanzata mill-attur fl-ammont ta' €360 (tlett mija u sittin ewro).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba kif avvanzata mill-attur fl-ammont ta' €360 (tlett mija u sittin ewro), u jiddikjara li l-intimat ghandu jhallas lil attur dan l-ammont.

Inoltre t-Tribunal jordna li l-intimat ghandu jhallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkorsi mill-attur.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru